**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Ans Ghodban**

**Kumpilazzjoni numru 25/2017**

**Illum 15 ta' Jannar 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ans Ghodban** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 152660 (A) billi huwa akkuzat talli matul il-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Novembru 2016 gewwa kamra numru 512, Lukanda Berlington, li tinsab gewwa San Giljan:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom Laptop, €150 fi flus kontanti, I Pad, u oggetti ohra ghad-detriment ta' Amelie Marie Louise Daide u Romaine Roger Andre Bourgeon, u/jew xi persuni ohra liema serq jikkwalifika bil-valur li huwa inqas minn €2,329.37, bil-mezz u bil-hin u bil-persuna skond artikoli 261(b) (c) (d) (f), 263(a), 264, 265, 267, 268(b), 270, 278(3), 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli f'diversi okkazjonijiet matul ix-xahar ta' Novembru 2016 gewwa dawn il-gzejjer:

2. Fora jew ipproka jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien li jikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

L-imputat talab skuza ghal dak li wettaq u jiddikjara li jiddispjacih ghall-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar il-piena.

Illi l-imputat bl-ammissjoni tieghu u bid-dikjarazzjoni tal-ufficjali prosekuturi jirrizululta li kien traffikar *by sharing*.

L-Artikolu 120A (7) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *"Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew (b)(i):*
>
> *Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li <u>l-ħati kien bi ħsiebu</u> jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu: … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti).
>
> Ghalhekk huwa sufficjentement ippruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkonsma u kkonsma d-droga Kokaina fl-istess post maz-zewg persuni l-ohra u ghalhekk huwa hati ta' traffikar *by sharing*.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-*

*ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide:**

Il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali mhux netta u gie adebitat bir-ricediva, semghet lill-ufficjali prosekuturi jiddikjaraw li l-imputat ikkopera mill-ewwel u l-ammissjoni fi stadju bikri.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(d)(f), 263(a), 264, 265, 267, 268(b), 270, 278(3), 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6, l-Ewwel Skeda u Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u Artikoli 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll Regolamenti 4 u 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni tnejn (2) migjuba kontra tieghu tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk il-Qorti

tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex il-hati jinghata l-ghajnuna kollha u t-trattament mehtieg biex jeghleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga.

Il-Qorti tordna li minhabba li l-imputat m'ghandux mezzi biex imantni lilu n-nifsu u huwa theddida ghal ordni pubbliku ta' pajjizna, meta jiskonta s-sentenza jkun ripatrijat f'pajjizu kif anke wera din ix-xewqa huwa stess.

**DR JOSEPH MIFSUD**

**MAGISTRAT**